MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 244/2009

**Il-Pulizija**
**(Maggur 227 Chalker)**
**Vs**
**Maria Rosaria Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata [detentrici tal-karta tal-identita` numru 67766M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. fil-11 ta' Frar, 2009 ghall-habta ta' 08.12 hrs fil-Mosta, halliet jew ippermettiet lil Carmel Stafrace jsuq vettura numru LVY-173 ta' ghamla "Toyota" u lil Mark Anthony Sammut isuq vettura numru SVY-001 ta' ghamla "Ford" u li jaghmlu uzu minn licenzja ta' vettura li b'kitba, tpingija jew b'mod iehor, biddlet, hassret, sfigurat jew ziedet xi haga f'licenzja ta' xi vettura bil-mutur jew qeghdet fuq vettura licenzja li tkun giet mibdula, imhassra, sfigurata jew li kien gie mizjud xi haga fiha;

2. u aktar halliet jew ippermettiet lil Carmel Stafrace jsuq vettura numru LVY-173 u lil Mark Anthony Sammut isuq vettura numru SVY-001 meta l-imsemmija vetturi ma kienux licenzjati mill-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta biex jintuzaw fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda);
3. kif ukoll halliet jew ippermettiet lil Carmel Stafrace jsuq l-imsemmi van numru LVY-173 minghajr il-pjanci tan-numri tar-registrazzjoni ta' quddiem.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 15a, 34, 51(3) u L.N. 476/2004 u l-artikolu 42 tal-Kap. 9, l-Qorti ddikjarat li ma sabitx lill-appellata hatja tal-akkuzi u lliberataha minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-14 ta' Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tiddeciedi l-appell ai termini tal-ligi u tghaddi biex issib lill-appellata hatja ta' l-akkuzi migjuba kontriha.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huua s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti naqset milli taghmel apprezzament siewi tal-provi migjuba quddiemha. Fis-sentenza erogata minnha suriferita, l-Qorti qalet "***Rat illi mill-provi prodotti l-akkuzi ma gewx ippruvati lanqas remotament"*** (vide sentenza appellata) u konsegwentement illiberat lill-appellata mill-akkuzi dedotti kontra taghha.

Illi bid-dovut rispett, l-esponent ma jistax jaqbel ma dina l-osservazzjoni tal-Qorti u dan ghaliex fl-opinjoni ta' l-esponent, mix-xhieda migjuba mill-prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti kellha ssib htija fl-imputata ghar-rigward ta' l-akkuzi dedotti kontra taghha.

Illi fil-mertu jinghad illi l-imputata hija involuta fit-tmexxija tal-azjenda kummercjali bl-isem ta' "Faith Garage", li, fost l-ohrajn, tigestixxi s-servizz ta' kiri ta' "mini vans" ghat-trasport ta' persuni u ghandha numru ta' vetturi ghad-dispozizzjoni ta' din l-attivita`. Fid-dawl ta' dan jigi sottomess li l-imputata kienet ben konsapevoli ta' l-obbligi legali mposti fuq sid ta' kwalunkwe vettura li jhallas id-debiti licenzji u l-kont ta' l-assigurazzjoni kull sena. Jidher car, b'hekk, li min-natura ta' l-attivita` ta' l-azjenda, ma jistax jinghad li l-imputata ma kienitx konsapevoli ta' dawn l-obbligi legali. Il-konsapevolezza ta' l-imputata tohrog aktar bic-car meta wiehed iqis ukoll li l-imputata gedded il-poloz ta' l-assigurazzjoni fuq dawn iz-zewg vetturi – kif juru c-certifikati ta' l-assigurazzjoni pprezentata a fol. 5 u 6 tal-process. Nonostante dan, jidher li ghal xi raguni l-imputata ghazlet li ggeded il-polza ta' l-assigurazzjoni tal-vetturi de quo pero` ma ggeddidtx il-licenzja tal-vettura skond il-ligi u minflok, b'xi mod li jkun, xjentement, ghenet jew assistiet fl-uzu ta' kopji allegatament imbaghbsa ta' licenzji li jitwahhlu mal-"windscreen" tal-vetturi.

Illi di piu`, x-xhieda migjuba mill-prosekuzzjoni ddeponew li raw il-vann ta' l-ghamla "Toyota", numru ta' registrazzjoni LVY-173, ma kellux imwahhla l-pjanca ta' registrazzjoni – liema xhieda moghtija kienet konsistenti bejn iz-zewg ufficjali ta' l-ADT. Ix-xhieda tal-prosekuzzjoni xehdu wkoll dwar l-irregolarita` tal-licenzja li sabu mwahhla mal-"windscreens" tal-vetturi de quo kif ukoll dwar il-fatt li l-licenzji taz-zewg vetturi msemmija ma kienux imgedda ma' l-ADT.

Illi waqt il-procediment tal-kawza kienu pprezentati wkoll il-licenzji li nstabu mwahhla mal-"windscreens" tal-vetturi (ara fol. 5 u 6 tal-process) liema licenzji manifestament jixhdu li kienu mbaghbsa minn xi persuna.

Illi fl-umli opinjoni ta' l-esponent, ix-xiehda migjuba quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, b'hekk tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputata fir-rigward tar-reati li taghha hija kienet akkuzata, aktar u aktar meta wiehed iqis il-konoxxenza taghha ta' dawn l-obbligi legali fid-dawl ta' l-azjenda minnha gestita.

Ikkunsidrat.

Jirrizulta mil-provi li fil-11 ta' Frar, 2009 Ufficjali mill-awtorita dwar it-Trasport kienu qeghdin jaghmlu spot checks fl-inhawi tal-Mosta meta hin minnhom nnutaw van abjad tat-tip Toyota li ma kellux il-pjanca ta' quddiem imwahhla skont il-Ligi. L-Ufficjali, cioe' EO2 Silvio Farrugia u EO13 Sammut waqqfu dan il-van u waqt li kienu qeghdin jispezzjonawh innotaw illi l-licenzja tal-vettura ma kienetx konformi mal-Ligi. Dan l-imsemmi van kien qed igorr tfal ghall-iskola u peress illi kellu jinzamm ghal aktar investigazzjonijiet intalab illi jigi van iehor ta' l-istess kumpanija sabiex iwassal dawn it-tfal fid-destinazzjoni taghhom. Meta gie dan it-tieni van tat-tip Ford, l-Ufficjali nnutaw illi anki dan it-tieni van kellu l-licenzja mhux skont il-Ligi, l-Ufficjali nfurmaw lill-pulizija b'dan kollu u minn aktar stharrig irrizulta illi dawn iz-zewg vannijiet isejhu lil Maria Rosaria Calleja bhala l-persuna responsabli minnhom taht l-azjenda kummercjali bl-isem ta' "Faith Garage". Iz-zewg Enforcement Officers xehdu quddiem din il-Qorti u spjegaw l-operat taghhom kif indunaw bl-irregolaritajiet tal-vannijiet koncernati, wiehed bin-numru LVY-173 u l-iehor SVY-001, dak ta' l-ewwel kellu licenzja skaduta, l-ahhar li kienet imhallsa kien f'Dicembru 2007 u l-van l-iehor illi kellu licenzja skaduta minn Lulju 2007 u gew esebiti f'dawn l-Atti l-licenzji skenjati illi kellhom dawn il-vannijiet. Ma hemmx dibju illi dawn il-licenzji kienu foloz. Kien EO13 Sammut illi ghamel ir-ricerka lura l-ufficcju u sab illi dawn il-licenzji ma kienux imhallsa ghad illi l-vetturi kellhom l-assigurazzjoni valida. Lanqas ma gie kontestat illi sid il-vannijiet kienet Maria Rosaria Calleja ta' "Faith Garage".

Ikkunsidrat.

Il-Qorti jidhrilha illi x-xhieda moghtija minn Farrugia u Sammut hija veritiera u ta' min joqghod fuqha, dana peress illi kienu huma stess illi nnutaw l-irregolaritajiet fuq il-vannijiet u kienu huma stess illi gabru l-licenzji foloz minn fuqhom. L-argumenti tad-difiza illi ma ngabitx prova illi s-sewwieqa kienu qeghdin jahdmu maghha jew illi

halliet lis-sewwieqa jsuqu dawn il-vetturi ma jaghmilx sens, veru illi ma giex ippruvat illi Calleja ghamlet l-iscanning u wahhlet il-licenzji foloz hi, pero’ lanqas m’hi akkuzata b’reat taht falsifikazzjoni izda illi halliet jew ippermettiet lis-sewwieqa jaghmlu uzu mill-vetturi illi kellhom licenzja mhux regolari, illi halliet jew ippermettiet lis-sewieqa jsuqu vetturi mhux licenzjati kif ukoll halliet jew ippermettiet lil Carmel Stafrace wiehed mis-sewwieqa jsuq van minghajr il-pjanci tan-numru tar-registrazzjoni ta’ quddiem.  Fil-fehma ta’ din il-Qorti dawn it-tliet akkuzi gew sodisfacentament ippruvati u din il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju illi l-appellata ghandha twiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra taghha.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ l-appell, thassar u tannulla s-Sentenza appellata u minflok issib lill-appellata Maria Rosaria Calleja hatja ta’ l-akkuzi migjuba kontra taghha u wara li rat l-Artikli 15A, 34, 51(3) u LN4476/2004 u l-Artiklu 42 tal-Kap 9 tikkundannha ghall-multa ta’ hames mitt Euro (€500).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------